Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2210

Kaz Numru 2740/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Marie Therese Padovani

U

Foster Clark Products Ltd

Ilum 4 ta' Marzu 2013

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra datata 9 ta' Dicembru 2009 mibghuta lit-Tribunal Industrijali mis-segretarju tat-taqsima Turizmu ikel u Xorb tal-UHM li bghat din l-ittra ghan-nom ta' Marie Therese Padovani fejn gie mitlub sabiex dan il-kas jghaddi ghad-decizzjoni minhabba l-fatt li x-xoghol tal-esponenti gie terminat minghajr raguni valida fil-Ligi.

Marie Therese PAadovani kienet assistita minn Dr. Andrew Borg Cardona waqt li ghall-Kumpanija Foster Clark Products Ltd deher Steve Vella assistit mill-Avukat Dr. Matthew Brincat

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjarat li kienet tahdem mal-Kumpanija intimata minn 28 ta' Ottubru 2005 bhala Personal Assistant to the Regional Manager u giet imkeccija minghajr raguni valida.

Is-socjeta intimata fl-istqarrija taghha qalet li l-esponenti ma wettqitx xoghola kif suppost f'diversi okkazjonijiet.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Steve Vella li huwa l-Administration and Human Resources Manager fejn spjega li xogholha kien li tiffolowja kull suq wara l-export manager specjalment meta l-export manager ma jkunx Malta. Il-performance tal-intimata bdiet sejra hazin u l-kumpanija bdiet anki issofri danni. F'Awissu 2009 minflok ordni ta' pineapple coconut ipprocessat l-ordni ta' pineapple u l-kumpanija tilfet circa ghaxart elef euros apparti l-isem hazin. Dan apparti l-fatt li f'xi ordni insiet tibghat l-invoice kollhu u semma diversi zbaji grossolani ohra li wettqet r-rikorrenti. Gew ezebiti diversi dokumenti in sostenn ta' dak li gie dikjarat.

Xehedet Danika Vella li hija t-Training and Development Clerk fejn qalet li giet mghajjta r-rikorrenti sabiex tinghata karta ta' sospensjoni

Xehedet ukoll bil-gurament Fiona Gauci li hija l-personal assistant tal-Managing Director u responsabbli mis-suq Afrikan fejn qalet Ms Padovani kienet tirraporta lilha f'kazijiet ta' diffikulta u Ms. Padovani kienet issib hafna distrazzjonijiet ghax kien hemm hafna nies fl-ufficcju. Minkejja li ccaqalqet go ufficcju iehor xorta baqghet taghmel l-izbalji. Ikkwotat ukoll diversi zbalji li ghamlet Ms Padovani.

Xehed Simon Pace li jahdem bhala sales manager li xogholu huwa li jahdem barra minn Malta jgib l-ordnijiet u xoghol Ms Padovani huwa l-back office sabiex isegwi dawn l-ordnijiet. Elenka diversi nuqqassijiet taghha.

Xehed Jason Zammit fejn spjega li kien prezenti biex jisma l-verzjonijiet.

Xehed Stephen Vella li huwa l-Administration and Human Resources Manager fejn spejga li pprezenta u pprpara id-dokumenti hu.

Xehedet Maria Therese Padovani estensivament fejn qalet li kellha ghajnuna pero kienu jitilqu. Ix-xoghol kien kumplikat pero hadd ma kien jinduna bl-izball. L-istess Ms Padovani ammettiet li ghamelt xi zbalji fix-xhieda taghha pero l-izbalji ma kinux tort taghha. Inqala kwistjoni fuq tkeccija jew sospensjoni pero t-Tribuna mhux ser jidhol fiha.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li aspett importanti ta' dan il-kaz huma l-izbalji ripetutament da parte ta' Ms Padovani. Is-sistema fil-kumpanija intimata hija li wiehed jiddependi fuq l-iehor sabiex ibieb ix-xoghol u l-ohra tipprocesa x-xoghol. Jidher car illi Ms. Padovani naqset serjament fix-xoghol taghha. Huwa xoghol importanti dak li Ms Padovani kienet qieghda taghmel u t-telf ta' reputazzjoni u t-telf finanzjarju huwa kbir.

It-Tribinal rinfaccat b'dawn il-fatti ma ghandux triq ohra hlief li jiddeciedi illi is-socjeta intimata ppruvat il-kas taghha.

Decizzjoni

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jichad t-talba kif maghmula minn Ms Padovani u b'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment mill-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Gspiteri
Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju